# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 254/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edward Zammit)**

**vs**

**Pier Giorgio Buttigieg**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Pier Giorgio Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 22349M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Marzu, 2016 ghall-habta tal-5:30pm, fi Triq il-Liedna, Dingli: 1) Insulenta jew hedded lil Cheryl Flavia Buttigieg jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni; 2) Hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies, cioe' kontra Cheryl Flavia Buttigieg minghajr ma darab jew sawwat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Mejju, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ordnat l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni a favur Cheryl Flavia Buttigieg ghall-perjodu ta' 3 snin skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieghdet lill-istess Pier Giorgio Buttigieg taht ordni ta' trattament mal-Agenzija Appogg, ghal 3 snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors ta' Pier Giorgio Buttigieg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirrevoka** s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta' Mejju 2016 u minflok tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata hija karenti minn element essenzjali ghal-validita' taghha konsistenti fin-nuqqas ta' formalita' essenzjali kif mitluba fuq piena ta' nullita fl-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti

ghazlet illi ma tkunx konformi u tiddipartixxi minn dak tassattivament mitlub minn dan l-artikolu li, fis-semplicita' tieghu jitlob biss li meta il-qorti "..**taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dak ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".** Fil-kaz hawn skrutinat, wara li l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant, minflok li ghaddiet sabiex teroga l-piena, imponiet fuqu kondizzjonijiet ravvizati fl-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali intizi biex iharsu s-sigurta' tal-parti offiza matul u sakemm jintemmu l- proceduri penali. L-ewwel Qorti imponiet ukoll ordni ta' trattament kif kontemplat fl-artikolu 412D, izda dan seta isegwi biss wara li tkun kominata l-piena ghar-reita';

2. L-appellant kien misjub hati ta' ksur tal-artikolu 339(1)(b) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' Malta li igorru maghhom l-piena ghall-kontravvenzjonijiet, igifieri, skond l-artikolu 7(2) d-detenzjoni ghal massimu ta' xaharejn jew skond kif provut mod iehor (artikolu 12(2), l-ammenda massimu ta €58.23 (art 13 (1) sakemm mhux provdut mod iehor, canfira jew twiddiba. Issa, skond l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista' <u>minflok il-piena </u> jew flimkien maghha sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, torbot lil-hatja b'obligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus. Huwa biss f'din l-istanza u kull fejn jipprovdi l-Kodici Kriminali jew ligi ohra fejn Qorti tista' taghzel li minflok il-piena timponi kondizzjoni konsimili u b'hekk xorta wahda jkun sodisfatt il-vot tal-artikolu 382. Fejn dan mhux provdut, allura l-Qorti ma tistax *marte proprio* tassumi tali poter *sic et simplicitur*;

3. Illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti huwa wiehed ta' formalita' essenzjali u dik il-karenza tirrendi nulla is-sentenza prolatata kif gia deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs Leonard Cutajar 543/2016 EG – 27.4.2017** u **Il-Pulizija vs Charles Magri App Krim 430/2016 EG – 31.5.2017.** Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u ai termini tal-artikolu

428(1) tal-Kodici Kriminali ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu;

4. Illi meta s-sentenza tkun dikjarata nulla u l-Qorti tal-Appell tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond l-artikolu appena citat, dan igib mieghu xi konsegwenzi fosthom li l-aggravji tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet – Ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** – App Krim 10.9.2007. Hija konsegwenza ukoll li din il-Qorti tkun qed tagixxi ta' qorti ta' prim'istanza meta tghaddi biex tiddeciedi hi mill-gdid u ghalhekk din il-Qorti ma tkunx marbuta mal-piena erogata mill-ewwel Qorti, anke jekk mhux il-kaz odjern, din il-Qorti tista' anke izzid il-piena ukoll meta l-appell ikun biss tal-persuna misjuba hatja - **Pulizija –vs- Anthony Zahra – App Krim 26.5.1994 (Ghawdex). Vide Koll VDG 1994**;

5. Il-Qorti semghet lil mart l-appellant li wara li rrankontat is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha iz-zwieg ta' bejniethom qalet li fil-jum in kwistjoni meta zewgha gie lura d-dar kien fis-sakra u mar dritt f'kamartu segwit minn wiehed min-neputijiet zghar tieghu u meta dan messlu ktieb intilef u sar aggressiv u beda jghajjar lil kull min kien hemm u jitkellem hazin. Huwa qabad bastun izda dan waqalu u ghalhekk mar igib xabla, li l-kwerelanta ma tafx hix wahda ornamentali jew le, u beda jxejjer biha fid-direzzjoni ta' dawk prezenti, igifieri hi, binha u z-zewg neputijiet, izda binha irnexxielu jzommu. Il-kwerelanta tghid illi l-appellant huwa *bipolar*, ghandu bidu ta' dementia u jirrifjuta li jiehu l-medicina preskritta lilu u jixrob l-alkohol. Wara dak l-incident, il-kwerelanta ma baqghetx tghix taht l-istess saqaf mal-appellant;

6. Iben l-kwerelanta xehed illi bhal ma soltu jaghmel, kien ha liz-zewg uliedu biex jaraw lill-ommu meta dahal missieru tar-rispett li huwa l-appellant odjern u rrakkonta l-istess fatti li l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti bid-differenza illi jidher li l-appellant ried jizgassa il-bieb tal-kamra ta' martu li bhal dejjem tkun msakkra. Inoltre, il-Pulizija li rcieva t-telefonata tal-

kwerelanta xehed illi meta acceda fir-residenza in kwistjoni sab lill-appellant rieqed fis-sodda;

7. Illi minn dak migjub a konjizzjoni tal-Qorti, fil-hin tal-incident l-appellant kien vizibilment urtat li wiehed minn neputijiet kien messlu xi haga mill-kamra tieghu. Din il-kamra tappartjeni lilu ghaliex martu ghandha kamra ghaliha li dejjem tkun msakkra. L-appellant, li skond il-kwerelanta ghandu kundizzjoni kif minnha deskritta, dahal fi stat ta' rabja u jidher illi ried imur jizgassa l-bieb tal-kamra ta' martu u ghal dan qabad bastun li izda hatafulu iben il-kwerelant u minnufih mar igib xabla ornamentali tal-hadid minn kamartu u hawn ukoll kien mrazzan mill-istess iben il-kwerelanta. Sabiex jaccedi ghal din il-kamra, l-appellant kellu jghaddi minn kuridur dejjaq li fih kien hemm il-kwerelanta, binha u zewg neputijiet taghha u waqt dan kollu beda jghajjar lill-kwerelanta bi kliem xejn felici;

8. Il-Qorti tifhem illi dan kollu sehh f'cirkostanzi ta' rabja abbinata mal-kundizzjoni li dwarha xehedet il-kwerelanta akkompanjata ukoll b'element ta' xorb izda xorta wahda jirrizultaw il-fatti li bihom huwa imputat l-appellant. Ghal dawn il-motivi qed issib lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet bi ksur tal-artikoli 339(1)(b) u (e) tal-Kodici Kriminali. Kwantu ghal piena, qabel xejn il-Qorti tosserva illi wara dan l-incident, il-koppja qed tghix separatament kif xehedet il-kwerelanta. Tiddisponi minn din il-kawza billi tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Inoltre, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-bon ordni u s-sigurta tal- kwerelanta, tobbliga lill-appellant taht dak li hemm provdut fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex ma jdejjaqx u/jew ma jimmolestax lill-Cheryl Flavia Buttigieg fuq penali ta' €500 fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum;

9. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.